MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 68/2013

**John Borg (ID875754M)**

**vs**

**Alex u Sandra konjugi Grech (ID 386770M u 439772M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1) Illi r-rikorrenti huwa s-sid tal-fond bin-numru 59, Triq Rinella, Kalkara, liema fond gie mikri bhala hanut lill-intimati permezz ta' kuntratt maghmul fl-1 ta' Novembru, 2008 (kopja vera annessa u mmarkata bhala Dok A)

2) Illi l-intimat huma moruzi fil-hlas tal-kera pagabbli ghall-fond imsemmi skont il-kuntratt citat u ghahlekk huwa ghandhom jhallsu s-somma ta' tlett elef,

tmien mija u erba u tletin ewro (€3,834.00) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti intimata sad-data tal-31 ta' Marzu, 2013 u dan oltre kera ohra illi saret pagabbli ulterjorment u imaxxi applikabbli;

3) Illi l-intimati gew mitlub permezz ta' ittra datata 18 ta' Mejju 2011, 2 ta' Awwissu 2011, 14 ta' Lulju 2012, 8 ta' Marzu 2013 (kopja vera annessa u mmarkata bhala Dok B), sabiex jhallsu l-kera li kien dovut lilhom kif fuq jinghad, izda sal-lum ghadu ma thallsitx.

4) B'hekk kif miftiehem skond il-kuntratt tal-kiri li sar fl-1 ta' Novembru, 2008, fuq riferit, l-intimati m'ghandhomx il-jedd illi jkomplu jokkupaw l-fond fuq imsemmi (klawsola 3 tal-kuntratt);

5) Illi l-intimati m'ghandhomx difiza x'jaghtu ghat-talba illi qeghda ssir permezz tar-rikors odjern;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghed jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu:

i. Jisma' u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta; u

ii. Prevja id-dikjarazzjoni tal-hall tal-kiri ikkontrattat fl-1 ta' Novembru, 2008 kif fuq spjegat, jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond bin-numru 59, Triq ir-Rinella, Kalkara ghar-ragunijiet suesposti, u ghal dan il-ghan jipprefiggi terminu qasir u perentorju illi fih l-intimati ghandhom jizgombraw mill-fond bl-inqas hsara possibbli u jirritorna c-cwievet lura is-sid;

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi, u b'rizerva ghal kwalsiasi dritt ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota t'ammissjoni tal-intimat kif registrata fis-seduta tal-31 t'Ottubru 2013;

Stante ammissjoni, l-Bord qed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi terminu ta’ gimgha (1) mil-lum;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------